31994D0672



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## ta' l-10 ta' Ottubru 1994
## dwar il-pożizzjoni komuni ddefinita fuq il-bażi ta' l-Artikolu J.2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u li tirrigwarda t-tnaqqis tar-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji għal dawk il-partijiet tat-territorju tar-Repubblika tal-Bosnija-Herzegovina taħt il-kontroll tal-forzi Bosnijaċi-Serbi

(94/672/CFSP)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu J.2 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 942 (1994) adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fit-23 ta' Settembru 1994,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji ma' dawk il-partijiet tat-territorju tar-Repubblika tal-Bosnija-Herzegovina taħt il-kontroll tal-forzi Bosnijaċi Serbi ser jitnaqqsu skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Riżoluzzjoni 942 (1994) adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fit-23 ta' Settembru 1994.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-10 ta' Ottubru 1994.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Th. WAIGEL